# KUNSILL LOKALI KALKARA

1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566


**Seduta Nru:** 3-14

**Data: 20 ta' Marzu** 2014

**Hin:** 5:30pm

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Vici Sindku
Paul Bongailas – Kunsillier
Vincent Bongailas – Kunsillier
Maria Sultana – Kunsilliera
Carl Mifsud- Ambaxxatur tal-Vot16 ghall-Kalkara

# MINUTI

Il-Kunsill Lokali tal-Kalkara ltaqa' fl-Ufficju tieghu, 1, Binja Tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara.

Is-Sindku Ms.Speranza Chircop ppresida.

**PREZENTI**

Kienu prezenti; Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Vici Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera
Paul Bongailas – Kunsillier
Vincent Bongailas – Kunsillier

L-Ambaxxatur Carl Mifsud kien skuzat minhabba li kien ma jiflahx.

**TALBA**

Il-Kunsilliera Ms.Maria Sultana qalet it-talba.

## 1. QARI TAL-MINUTI

1.1 Il-Kunsilliera Maria Sultana spjegat li hi kienet qed tistenna aktar nies prezenti ghal-laqgha li saret ma' l'MCST. Spjegat ukoll illi fil-fhema taghha kieku kien hemm aktar residenti setghu jigu imqajjma aktar hwejjeg li forsi wihed jahseb fuqhom. (2.3 mill-minuti precedent)

1.2 Il-Vici Sindku Mr.Chris Bruno nforma lill Kunsill dwar ilment mir-residenti fuq in-nuqqas ta' parking fi Triq Patri Mattew Sultana.

Staqsa jekk il-kunsill ghandhux xi informazzjoni dwar il-ligi dwar il-measurments tal-parkeggi mahruga minn Transport Malta.

Is-Sindku Ms.Speranza Chircop spjegat dak li it-Transport Malta kienu batu lill-kunsill (linji gwida) fuq d'hawn l-istess parkeggi.(2.7 mill-minuti precedent)

1.3 Il-kunsilliera Maria Sultana issugerit illi meta ser tkun se tigi sospiza il-laqgha biex jitkellem xi had barrani fuq kwalunkwe haga, il-kunsilliera kollha ghandhom jigu nfurmati minn qabel biex bhekk ikunu jistghu jifthemu bejniethom x'hinu l-ahjar u jekk dan il-persuna ghandhux jigi darba ohra u mhux waqt is-seduta.

1.4 . Triq tintbat ittra lill Transport Malta biex insibu solluzjoni f'salib it-toroq ta' Triq Santu Rokku u Triq Missjoni Taljana biex jiggwidawna ahjar dwar ghandhiex issir centre strip jew round about.(4.1 a mill-minuti precedent)

1.5 Il-Kunsilliera, Maria Sultana, Vince Bongailas, is-Sindku u il- Vici Sindku sahhqu li huma kienu mis informed rigward is-sekwestru ta Johann Aquilina. Maria Sultana spjegat illi il-kunsilliera ghandhom dritt ikunu jafu bdak kollu li jkun qed jigri il-Kunsill Lokali biex bhekk huma jkunu jistghu jifmu ahjar in –necessitajiet ta dan l-istess kunsill.

2. ***<u>Il-Minuti gew moqrija u approvati fuq proposta tas-Sindku is-Sinjura Speranza Chircop sekondati mill-Kunsillier Pawu Bongailas.</u>***

## 3. KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

3.1 Is-Sindku Speranza Chircop ressqet is-suggeriment illi meta jigu uploaded xi affarijiet fuq Face Book ghandu dejjem ikun hemm timbru u firma jew taghha jew tas-Segretarja Ezekuttiva. L-Istess upload ghandu jigi imwahhal fuq in-notice boards kif dejjem sar.

3.2 Is-Sindku infurmat illi il-meeting fuq il-Fisheries (Aquaculture) ser isir meta huma jikkuntatjawna bid –data li jistghu.

3.3 Is-Sindku infurmat dwar l-impjegati il-godda ta'l-ETC li bdew minn Marzu 2014.

3.4 Is-Sindku infurmat li ser tibda Works Schedule ghall-haddiema ta barra biex bhekk kull ilment li jidhol il-kunsill kif ukoll il-kunsilliera ikunu jistghu jiktbuh fuq din l-istess sheet.

3.5 Is-Sindku infurmat li is-Sur Stivala, resident fi Triq is-Sienja talab biex tigi irrangata l'sleeping police ta din l-istess triq biex bhekk tkun aktar accessibli ghan-nies li jaghmlu uzu mill wheel chair.

3.6 Is-Sindku spjegat li is-Sur Frank Gatt resident talab yellow line quddiem xatba li ghandu, dan ta l-ahhar ser jigi infurmat minnha illi ghandu japplika hu dirett mat-Transport Malta..

3.7 Is-Sindku infurmat li l-MCST ghandhom jaddulna koppja ta l-ismijiet ta dawk ir-residenti li mhumiex jirrisponduwhom bit –telephone. Il-Kunsill ghandu jikkuntatja lil d'hawn in nies biex bhekk ninfurmawhom li l-MCST ghandhom bzonn jiltaqghu maghhom kif kien diga miftijem.

3.8 a. Is-Sindku fakkret illi l-Ambaxxatur tal-Lokal ghalaq it -18 il sena.Dan ifisser illi irid jigi elett Ambaxxatur gdid.

b. Ser tintbat ittra lir –residenti kollha biex bhekk min hu interessat jipproponi persuna biex ikun l-Ambaxxatur il-gdid ikollu ic –cans juri ix –xewqa tieghu bil-miktub.

3.9 Is-Sindku infurmat lill-kunsilliera li fit -22 ta'April 2014 ser torganizza talk u breakfast lin-nies tal-Lokal.

3.10 a. Is-Sindku tkellmet dwar Puttinu Cares, fejn is-Segretarja kellha ticcekja jekk hemmx flus xjistghu jinhargu mill-kunsill biex bhekk tibda tigi mahsuba l-attivita.

b. Is-Sindku spjegat li hi tixtieq li jinholoq sotto kumitat biex b hekk tkun tista taghmel laqgha mas Sur Lawrence Zammit biex jibdew il-preparamenti neccesarji.

3.11 Is-Sindku spjegat 2 affarijiet rigward is-sitwazzjoni tax-Xewkija u id-dghajjes involuti fir-Registrazzjoni;

a. Min kellu il-karru fil-passat u dan ghal xi raguni jew ohra ma kienx qieghed hemm meta twahhlu il-karti ghandu jkollu ic-cans illi jirregistra kif ghamlu nies ohra.
b. Min qatt ma kellu karru f'dan il-post u id-dghajsa tieghu qeghda il-bahar m'huwiex ser ikun jista jirregistra f'din l-iskema li qeghda tinholoq mill-kunsill.

3.12 Is-Sindku informat li kellha tintbat in no objection tal-Kunsill fuq il maratona tar-roti. Kulhadd qabel dwar dan.

4. **KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERI**

*4.1* ***<u>Vici Sindku – is-Sur Chris Bruno</u>***

a Is-Sur Bruno tkellem dwar mixja li ser issir biex il-flus li jingabru jmorru kollha ghall-Puttinu Cares.(10 euros). Saqsa lis –Segretarja biex ticcekja dwar jekk hemmx flus li jistghu jinhargu mill-Kunsill biex bhekk inkunu nidtghu nghinu lill din l-organizzazjoni li ser torganizza din il-Mixja mill-Mellieha sa l-Isla, biex bhekk inkunu nistghu imqar inhallsu private bus lir-residenti li huma imhajrin jattendu.

b Il-Vici Sindku sahaq illi it-trab go Triq il-Balklori ghadu hemm hekk. Talab illi l-impjegat tal-Kunsill (Martin) imur ikellem lill kuntrattur biex bhekk titnaddaf minnufieh.

c. Is-Sur Brunu spjega lill kunsilli bi problema li ghandha residenta (Grace Darmanin) li toqghod fi Triq is- Sibi (Housing Estate) fejn din ta l-ahhar qed jidhlilha l-ilma gewwa meta tkun hafna xita.

d. Is-Sur Bruno qal lill-kunsill li talab extension lid –dipartiment (DLG) biex l-attivita tal-gelat tkun tista issir aktar tard fix-xhur li gejjin.

e. Is-Sur Bruno informal ill- kunsill illi il-preparamenti ghall-attivita ta 6/06/2014 ghaddejin. (muzika, programm, laqghat maz-zaghzagh involuti u laqghat mal-kumietati)

f. Is-Sur Bruno sahaq illi hemm bzonn indawwlu aktar in-naha tax-Xatt minhabba l-abbuz li qed ikun hemm. Talab lis-Segretarja ticcekja il-bozzoz li hemm hux tal-Enemalta jew iridux jigu trangati minn naha tal-kuntrattur tal-kunsill.

g. Is-Sur Bruno gab ghall-attenzjoni tal-kunsill li il parkings li saru go Triq Patri Mattew Sultuna iridu jergghu isiru minhabba illi jekk jigu irrangati wihed jirbah aktar parkeggi ghar-residenti ta dawk l-inhawi/

4.2 ***Kunsilliera – Ms.Maria Sultana***

a. Ms.Sultana spjegat illi hemm bzonn ta' bozza gdida fejn l-istage ta Triq Missjoni Taljana minhabba li kella hafna ilmenti mghand ir-residenti dwar id-dlam li hemm.
b. Ms.Sultana issugerit illi l-istage ta Triq Missjoni Taljana ghandha ticcaqlaq u titpogga aktar il-fuq fl-istess triq.( qabel wiehed idur ghac- cumnija)
c. Ms.Sultana ressqet ix-xewqa li ghandha issir applikazzjoni gdida biex issir bozza fejn l-istage ta Bighi
d. Ms.Sultana tallbet lis –Segretarja Ezekkuttiva biex ticcekja ftit dwar jekk il-kunsilliera humiex kopruti bxi insurance, biex jekk filkas li le naraw wiehed kif jistgha jaghmel.
e. Ms.Sultana saqsiet ghalfejn ic-CCTV li hawn gewwa il-kunsill ghalfejn mhux tahdem. Hija sahqet li din ghandha tkun funzjonabbli minhabba is-sigurta tal-istess kunsill.
f. Ms.Sultana ghaddiet ilment dwar il-hmieg li qieghed ikun hemm fi Triq Missjoni Taljana minhabba illi hemm xi hadd li qieghed jati l-ikel il-hamiem u l-annimali ta barra minghajr ma jnaddaf wara.
g. Ms.Sultana qajjmet il-Punt fuq is-sitwazzjoni tad-dghajjes ix-Xewkija. Xtaqet tkun taf kif ser niehdu passi meta jkun hemm aktar postijiet vakanti ghad-dghajjes aktar minn dawk illi applikaw. Min ser jiehu il-precedenza.
h. Ms.Sultana saqsiet dwar ir-rigali li ma kinux intrebhu fl-attivita tas-sena 2013 ta Puttinu Cares. Is-Segretarja kellha ticcekja mal-amministrazzjoni ta qabel dwar dan.

4.3 ***Kunsillier-Is-Sur Pawlu Bongailas***

a. Is-Sur Bongailas qal lill-kunsill li min jheddu ghamel rapport lill Puluzija tal-lokal dwar l-ammont kbir ta siringi li kienu qeghdin fil-Bajja ta Rinella.
b. Is-Sur Bongailas qal illi il-Bye Law dwar il-Bajja ta Rinella ghandha tigi mibdijja hekk kif is-Segretarja Ezekuttiva tissetiljha u ikollha avukat ( bit-tender) biex jghinha, biex bhekk din tkun wahda professjonali..
c. Is-Sur Bongailas ghamel premura biex il-website minn fuq il-letter head tal-kunsill tigi imnehhija ghax din m'ghadiex tezisti.
d. Is-Sur Bongailas talab lis-Sindku biex ticcekja dwar il-bozza mitfijja li hemm mal-gemb tal-knisja( fejn hem mil-Madonna) mal-perit li keinet involuta mat-twahhil ta din l-istess bozza.
e. Is-Sur Bongailas talab li il-pots li hemm imkissrin fuq iz-zuntier tal-knisja jigu imnehhijin minnufih mill-impjegati tal-kunsill (haddiema ta barra)
f. Is-Sur Bongailas qal lill-kunsill illi hawn bzonn ta clerk ohra tahdem il –kunsill biex bhekk ix-xoghol ikun jista jigi id-delegat ahjar. Talab lis-segretarja biex kif din tissetilja nergghu nibdew nahsebu biex jinhargu l-applikazzjonijiet kif suppost.
g. Is-Sur Bongailas spjega lis-Sindku illi meta wiehed jupploadja affarijiet fuq Fb ma hemmx ghalfejn ikun hemm firma minhabba li il-page minna infiha diga tindika li hija tal-kunsill.
h. Is-Sur Bongailas spjega li il-fuljett li kellu jigi ittrangat mill-impjegata tal-Kunsill, m atwahhalx fuq in notice boards.Is-Sindku Spjegat illi hija riedet terga tkellem lill kunsielliera biex titnizzel il-firma taghha jew tas-segretarja qabel ma dan l-istess fuljett jitwahhal fin- notice boards u jigi uploaded fuq FB.
i. Is-Sur Bongailas issugerixxa li Carl Mifsud jibat ittra bil- miktub bir-rezenja tieghu biex bhekk ikun jista jigi elett Ambaxxatur iehor.

4.4 ***Kunsillier-Is-Sur Vince Bongailas***

a. Is-Sur Bongailas ghamel premura illi il-meeting ma Transport Malta ghandu jsir mill aktar fis possibli biex bhekk inkunu nistghu nigu gwidati ahjar dwar il-yellow lines li hawn fil-Lokal maghmulin illegalment bhal per ezempju fi Triq l-Isptar Navali li bhalhom hawn iktar.
b. Is-Sur Bongailas saqsa lil kunsill jekk ghandniex il Pin Number (MEPA) tal-Progett li ser isir minn naha ta'L-MCST.
c. Is-Sur Bongailas spjega illi ghandna inkunu 'aware' bl-affarijiet li jistghu jigu imkissra waqt dan il-progett bhal bjar li hawn kif ukoll il-kapella li ilha mibnija madwar 600 sena.
d. Is-Sur Bongailas saqsa dwar il-bozza ta Triq l-Isptar Navali

**5. KORRISPONDENZA**

5.1 a. Is-Sindku infurmat illi ser taghmel meeting dwar l-ibjar u ir-reservoirs li hawn gewwa il-kalkara mas-Sur Brincat tal-MTI-WSD. Hija qalet illi kull kunsillier ghandu jikseb kull informazzjoni dwar dan is- suggett biex bhekk inkunu nistghu nghaddu din l-istess informazzjoni lil persuna ikkoncernata.

b.Is-Sur Pawlu Bongailas offra li jtella din l-istess informazzjoni dwar il-bjar fuq il-FB Page tal-kunsill biex ir-residenti ukoll ikunu jistghu jaddu xi informazzjoni.

5.2 Is-Sindku infurmat li id-dipartiment iridu jkunu jafu bejn wiehed u iehor meta ser naghmlu il-laqgha Pubblika li issir kull sena fil-Lokal. Il-Kunsilliera qablu kollha li din ghandha tigi ippjanata ghall-Ottubru 2014.

5.3 Is-Sindku infurmat lill-kunsilliera dwar stedina minn Antonella Pace ta' quddies u reception. Ms.Pace tallbet ukoll jekk il-kunsill hux lest li jislef il-bandiera ghall-din l-attivita. Il-kunsilliera qablu li din ghandha tigi mislufa kif ukoll nordnaw bucket ta rand ghall-waqt din l-istess okkazjoni.

5.4 Is-Sindku infurmat lill-kunsilliera dwar xqalla l-Ispettur fuq il-permess li gie mitlub lill-kunsill biex l-Ghaqda Muzikali San Guzepp jinhariglu permess ghall-big screen fi zmien il-World Cup 2014. Il-Kunsill qabel illi ghandu jsir meeting ma dhawn l-istess nies biex bhekk jaghzlu huma bliema mod ser jinhareg il-permess skond l-opzjonijiet li qallilna bihom l-Ispettur.

5.5 Is-Sindku informat lill-kunsilliera dwar ittra li irceviet fuq Triq Santa Liberat, fejn dan ir-resident flimkien mal-Ombudsman kiteb lill-kunsill biex isib soluzzjoni biex jitnaqqas il-periklu fdin l-istess triq, permezz ta traffic calmer jew bxi sinjali tat-traffiku biex issewwieq ikollhom indikazzjoni bl'iema speed wiehed irid isuq.

5.6 Is-Sindku informat lill-kunsilliera min jixtieq jattendi ghall-meeting li ser isir 16/04/2014 gewwa l'MCC.Is-Sur Vince Bongailas qal li hu ser jiccekja max-xoghol biex jiehu permess imur dan il-meeting.

5.7 Il-Kunsilliera kollha qablu illi il-Kunsill tal-Kalkara ghandu jissieheb mar-Regjun Xlokk biex jibbenefikaw minn fondi Ewropej fuq manteniment tas –sistema tad-dawl.

5.8 Il-Kunsilliera kollha qablu illi il-flus mibghutin minn Smart City rigward 3 studenti li kienu rebhu fis –sena 2012 ghandhom jitqassmulhom il-flus b'cheque mahrug mill-kunsill mal prezentazzjoni ta invoice / fiscal receipt rispettivament kif is-Segretarja ticcekja mal-Kunsillier Roderick xkienet is-sitwazzjoni bl-ezatt.

5.9 Is-Sindku qalet lill-Kunsill li kienet ser tattendi il-laqgha li ser issir l-AKL rigward it-Teknologija fit –toroq fit -8 ta April 2014.

5.10 Is-Seminar li ser isir il-Hilton fil-11 ta April 2014, kellu jikkonferma il-Kunsillier Vince Bongailas jixtax imur hu minn naha tieghu bhala rapprezentant tal-kunsill.

**TMIEM**

Fl-21.00hrs intemmet is-Seduta u giet aggornata ghal-Hamis 24 ta' April 2014 fil - 5:30pm.

Elaine Caruana
Segretarja Eżekuttiva

Speranza Chircop
Sindku